MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2014

Numru. 283/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs.**

**Ryan Camenzuli**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Ryan Camenzuli**, ta' sitta u ghoxrin (26) sena, iben Mario u Maria Antoinette xebba Borg, imwieled il-Pietà fil-11 ta' Frar 1985, residenti gewwa 3, Triq San Pawl, Bormla u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 130885(M), akkuzat talli nhar l-4 ta' Frar 2012 ghal habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar 2:00pm u hinijiet u granet precedenti gewwa Bormla u f'dawn il-Gzejjer:

1. xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghu jew imexxih liema oggett huwa *Mobile Phone* tal-marka Samsung li l-valur tieghu huwa ta' €252 ghad-detriment ta' Peter Anizoba mill-Fgura;

2. wara li kien ikkundannat f'Malta ghal serq, jew ghal ricettazzjoni, instab fil-pussess ta' oggetti li ma kienux tal-kondizzjoni tieghu, minghajr ma ta kont sodisfacenti ta' kif kienu gew legittimament ghandu;

3. sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan *ai termini* tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. naqas milli jhares xi wahda w/jew iktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, Magistrat Dr. D. Clarke LL.D., b'digriet datat l-1 ta' Lulju 2011 li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja;

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reati imsemmija, tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta' Ryan Camenzuli kif ukoll li tordna li s-somma depozitata fir-registru ta' din il-Qorti, ohra bhala garanzija personali, li gew imposti fuqu sabiex jaghmel tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "JV 1" – *a fol.* 6).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 12).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet l-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Semghet it-trattazzjoni *da parte* tal-Prosekuzzjoni (*a fol.* 66 *et seq.*).

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Gunju 2014 (*a fol.* 65) fejn il-Qorti kkoncediet lid-difiza zmien sal-14 ta' Lulju 2014 sabiex, jekk trid, tipprezenta s-sottomissjonijiet finali taghha bil-miktub.

Rat illi d-difiza ma pprezentat l-ebda nota ta' sottomissjonijiet finali bil-miktub.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2012, xehed **Anizoba Chizoba Peter** (*a fol.* 13 *et seq.*) fejn qal li f'Jannar 2012 kien il-*ground* tal-Hibs, Kordin, u wara li mar t-*training* u mar fis-*shower* ma setghax isib il-*mobile* tieghu u l-MP4. Jghid li mieghu kien hemm il-*players* kollha tal-Hibs. Jghid li kienu tmienja. Jispjega li mar jaghmel rapport l-Ghassa u li l-*mobile* tieghu ghandu *tracking device* u jghid: *"I put the number of my wife in it, so each time you change the sim card it save the number automatically to her"* (*a fol.* 13). Jghid li l-*mobile* huwa tal-ghamla Samsung. Jixhed li l-*mobile* tieghu hallih gol-baskett tieghu fuq bank. Gew ipprezentati zewg ritratti li gew immarkati bhala Dok. "PA 1" u PA 2" (*a fol.* 16) li juru l-*mobile phone* tieghu.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li t-tfajla *ossia* mara tieghu xtratlu l-*mobile* meta ghalaq snienu u jghid li xtratu mill-*internet*.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2012, xehdet ukoll **Michelle Anizoba Briffa** (*a fol.* 22 *et seq.*) fejn spjegat li s-Samsung li gie mixtri kellu *mobile tracker* u meta wzat dan it-*tracker* telghalha n-numru tal-persuna li kien seraq il-*mobile*. Tghid li cemplet fuq dan in-numru u biex tkun tista' ggib id-dettalji ta' dan il-persuna qaltlu li kien rebah *mobile* u hu taha ismu u anke l-karta tal-identita' tieghu. Tghid li qalilha li jismu Ryan Camenzuli. Tispjega li ma ltaqghetx mieghu pero marret l-Ghassa ta' Rahal Gdid u tathom ismu u l-karta tal-identita' tieghu. Tixhed li l-*mobile* xtratu minn *Ebay* biex taghtih lil zewgha Peter Anizoba. Ikkonfermat li l-*mobile* huwa dak li jidher f'ritratti mmarkati bhala Dok. "PA 1" u "PA 2" ( *a fol.* 16). Tghid li hallset €250 (Dok. "MAB 1" – *a fol.* 17 *et seq.*) u li fuq id-dokument l-ammont jidher $335 pero hija hallset bl-Euro. Tghid li xtrat il-*mobile* ghal *birthday* ta' Peter Anizoba.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li hija saret taf li gie nieqes il-*mobile* meta Peter Anizoba cemplilha. Mistoqsija tghid meta dan gara tghid li ma tafx id-data bl-amment. Mistoqsija dwar ix-xahar, tghid li kien Jannar 2012. Tispjega li rrizultahla li kien hemm *sim card* fil-*mobile* misruq madwar gimgha u nofs wara li gie misruq. Mistoqsija dwar id-dati ta' meta rrizultalha hekk tghid li bl-amment ma tafx.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2012, xehed ukoll **PS 285 Jeffrey Cutajar** (*a fol.* 26 *et seq.*) fejn xehed fuq ir-rapport li gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "JC 1" (*a fol.* 28 *et seq.*). Jghid li x'hin baghat ghall-imputat u l-imputat mar l-Ghassa, il-*mobile* ma kienx fuqu pero mar igibu u hadulhom. Jghid li mit-tfittxija li saret fid-dar tal-imputat ma nstab xejn. Jispjega li n-numru tas-*sim card* kien 99604794 li jghid huwa l-istess *mobile* li beda jibghat il-messaggi lil Michelle.

**PS 285 Jeffrey Cutajar** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2012 (*a fol.* 35 *et seq.*) fejn ipprezenta l-ircevuta ffirmata minnu u mill-imputat rigward il-*mobile* li gabar minn ghandu u li rrizulta li kien misruq. Din l-ircevuta giet immarkata bhala Dok. "JC 2" (*a fol.* 37).

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2012, xehdet ukoll **WPS 167 Justine Grech** (*a fol.* 30 *et seq.*) fuq ir-rapport redatt minnha, liema rapport gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "JC 1" (*a fol.* 28 *et seq.*). Tghid li l-

parti leza kien mar jaghmel rapport l-Ghassa dakinhar tas-17 ta' Jannar 2012 ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar. Tghid ukoll li apparti l-*mobile* Samsung, il-parti leza kellu wkoll nieqes l-MP4 tal-marka Sony.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2012, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Jurgen Vella** (*a fol.* 40 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu in segwitu tar-rapport tal-parti leza li kien insterqulu l-*mobile phone* tad-ditta Samsung u Sony MP4. Jghid li fl-4 ta' Frar 2012 il-parti leza mar l-Ghassa flimkien mat-tfajla tieghu Michelle fejn irraportaw li minhabba sistema li Michelle kellha fil-*mobile* taghha kif appena kien ser jintxeghel il-*mobile* Samsung tal-gharus taghha, hi rceviet *automated sms* u ndikalha li l-*mobile* tieghu kien qed jintuza minn numru 99604794. Jghid li gie nkarigat PS 285 biex jibghat ghal Ryan Camenzuli peress li Michelle cempltilu u talbitu d-dettalji tieghu peress li qaltlu li kien rebah rigal u wara li PS 285 baghat ghal Ryan Camenzuli, dan Camenzuli hareg is-Samsung li rrizulta kien l-istess Samsung li kien misruq fis-17 ta' Jannar u li kellu s-*sim card* numru 99604794. Jghid li ha stqarrija tal-imputat. Ezebixxa dikjarazzjoni (Dok. "JV 1" – *a fol.* 43) u kopja tal-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja (Dok. "JV 2" – *a fol.* 44).

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2012, xehed ukoll l-i**Spettur Spiridione Zammit** (*a fol.* 45 *et seq.*) fejn wara li ra l-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja (Dok. "JV 2" – *a fol.* 44) ikkonferma li dawn huma l-kundizzjonijiet moghtija mill-Magistrat Dr. Doreen Clark fil-konfront ta' Ryan Camenzuli li huwa l-imputat fil-kawza odjerna.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2013, xehdet **Marisa Gauci** (*Data Request Administrator – Vodafone – a fol.* 52 *et seq.*) fejn qalet li m'ghandhiex informazzjoni dwar min kien qed juza l-*mobile* bin-numru 99604794 f'Jannar 2012 u fi Frar 2012 peress li jzommu informazzjoni sa sena biss u r-ricerka ghamlitha minn Mejju 2012.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2014, xehed l-imputat **Ryan Camenzuli** (*a fol.* 59 *et seq.*) fejn qal li kien qieghed fejn gabbana f'Bormla, li l-gurnata kienet dik tat-Tlieta meta jkun hemm il-monti l-Birgu, resaq persuna fuqu li mill-accent hadu li hu Taljan u

staqsieh jekk il-*mobile* li kellu kienx jghodd ghalih Jghid li dan il-*mobile* ma kienx fil-kaxxa, staqsieh kemm ried tieghu u wiegbu €45.00. Qallu wkoll li jaghtihulu anke b'€40.00. Jghid li bieghulu bhala *second hand*. Ighid li *charger* ma kellux. Jispjega li hu (l-imputat) tah il-flus, ha l-*mobile* u xtara c-*charger* fil-ghaxija. Jghid li l-*mobile* kien Samsung u li meta xeghlu hadem normali. Jghid: *"Issa jiena kieku dan misruq ha mmur nixtrilu charger, ha nitfalu l-linja tieghi dan naf li tinqabad illum ikollok mobile hekk. Ha nitfa l-linja tieghi li hija registrata"* (*a fol.* 61). Jghid li l-linja tieghu hija registrata mal-Vodafone. Jispjega li cemplitlu persuna li qaltlu li hija mill-Vodafone u qaltlu li rebah xi *mobiles*, talbitu d-dettalji tieghu, u hu taghhomlha. Jghid li cemplulu mill-Ghassa ta' Rahal Gdid u qabad u tahom il-*mobile*. Jghid li kien sar jaf li l-*mobile* kien misruq meta qallu l-iSpettur. Mistoqsi jghid jekk rahiex normali li l-ewwel il-persuna li bieghlu l-*mobile* l-ewwel qallu €45.00 u wara qallu €40.00, iwiegeb: *"Ifhem ghidt forsi, imbaghad taf x'ghidt jien, ghidt forsi tieghu stess personali xi junkie jrid ibieghu. Ghax dan jien meta kont niehu gieli ghamiltha jien stess ikolli oggetti nbieghhom bi prezz tajjeb"* (*a fol.* 62).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-persuna li bieghlu l-*mobile* ma rahx qabel. Jghid li ma kienx jafu. Mistoqsi jghid jekk dan il-persuna kellux oggetti ohra ghal bejgh, wiegeb li kellu baskett pero ma jafx x'kellu fil-baskett. Jghid li dan il-persuna mar direttament fuqu. Ighid li ma tahx rcevuta tal-*mobile* u anqas kaxxa. Mistoqsi jghid jekk meta xeghel il-*mobile* sabx xi *contacts* fuqu, ighid li sab xi ismijiet pero ma qghadx jaghti kazhom. Jghid li l-ismijiet li ra gie li semaghhom fuq it-televizjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (Dok. "JV 4" – *a fol.* 10 *et seq.*)) rilaxxata fid-9 ta' Frar 2012 mill-imputat, liema stqarrija gie rilaxxata wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u hu ma hax dan id-dritt, l-imputat xehed fuq l-istess linji li ta d-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti. Jghid li dak li gara sehh xi gimghatejn u nofs qabel ittiehdet l-istqarrija tieghu. Mistoqsi jghid jekk kienx ghaddielu minn mohhu li l-*mobile* kien misruq, ighid: *"Ifhem ma ghaddiliex minn mohhi hafna li kien misruq. Jien edt forsi xi junkie u ried ibieghu ghal ismack"* (*a fol.* 10 *tergo*). Jghid li kien wahdu meta

avvicinah dan il-persuna. Jghid li ma kienx jaf li fis-17 ta' Jannar 2012 kienu nsterqu oggetti mid-*dressing rooms* tal-*ground* tal-Hibs u li wiehed minnhom kien il-*mobile* in kwistjoni. Jghid li x'hin xeghel il-*mobile* sab fuqu ismijiet ta' *players*. Mistoqsi jghid jekk issuspettax li kien misruq, wiegeb fin-negattiv. Meta gie suggeriet lilu li meta nsterqu l-oggetti mill-Hibs li huwa deher fil-vicinanzi u li ghandu provi cari dwar dan, wiegeb li dan m'huwiex minnu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab addebitat b'diversi imputazzjoni: l-ewwel (1) imputazzjoni hija dik ta' ricettazzjoni, it-tieni (2) imputazzjoni tirrigwarda pussess mhux gustifikat ta'oggetti minn persuna ga kkundannata għal serq jew ghal riċettazzjoni, it-tielet (3) imputazzjoni tirrigwarda l-fatt li l-imputat irrenda ruhu recidiv, ir-raba' (4) imputazzjoni hija dik fejn qed jigi allegat li l-imputat kiser wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu meta nghata l-liberta provizorja. Ovvjament, biex jigu kkunsidrati t-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjonijiet, l-ewwel irid jigi kkunsidrat jekk l-ewwel zewg imputazzjonijiet gewx pruvati jew le.

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi jkun opportun li ssir riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. George Schembri** deciza fit-30 ta' April 1992, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "min jakkwista oggett f'cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dan l-oggett kellu provenjenza illegittima u intant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, huwa hati ta' ricettazzjoni. (Collez. Vol. XLV.IV.1032). Fil-kaz prezenti rrizulta illi l-appellat kien ircieva fil-garaxx tieghu xorb ikkonsenjat lilu ghal hamsa u nofs ta' filghodu minn ghand bniedem illi l-appellat innifsu ddikjara li kien jafu bhala kriminal. L-appellat dana ghamlu bhalma ghamel verifiki jew xi domanda rigwardanti l-provenjenza ta' dak ix-xorb. F'dawn ic-

> cirkostanzi jidher ovvju illi l-appellat kellu aktar minn suspett dwar il-kriminozità tal-provenjenza".

Illi fil-ktieb tieghu **"Recent Criminal Cases Annotated"**, l-Imhallef William Harding jirreferi ghall-kaz **Il-Pulizija vs. Joseph Bugelli et** deciz fl-24 ta' Jannar 1942 fejn jghid illi fil-kaz ta' ricettazzjoni dawn ir-regolamenti ghandhom japplikaw:

> *"(1) the offence consists in an act subsequent to the main offence (theft, fraud, etc.), even though ancillary thereto, and constitutes and offence per se, and not a form of complicity;*
>
> *(2) three conditions are essential, i.e. (a) that previously, there has been the commission of an offence against property, (b) that the accused has received, or purchases, or, in any manner, taken part in the selling of the stolen property, and (c) that the accused be aware of the unlawful origin of the goods;*
>
> *(3) Anyone who by his own act, of whatsoever nature, facilitates the disposal of the goods, contravenes the section."*

Illi mill-atti processwali jirrizulta li l-parti leza kellu l-*mobile* tieghu misruq, liema *mobile* eventwalment instab ghand l-imputat li jispjega li huwa xtara dan il-*mobile* minn ghand xi hadd li avvicinah u staqsieh jekk il-*mobile* li kellu kienx jghodd ghalih.

Illi m'hemmx dubju li l-*mobile* li nsteraq lill-parti leza kien effettivament dak li nstab ghand l-imputat. Dak li trid tara l-Qorti taht l-ewwel (1) imputazzjoni huwa jekk l-imputat jistax jinstab hati ta' ricettazzjoni.

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizultaw is-segwenti:

- Il-parti leza Anizoba Chizoba Peter (*a fol.* 13 *et seq.*) ma jafx min seraqlu l-*mobile*.
- Michelle Anizoba Briffa (*a fol.* 22 *et seq.*) spjegat kif il-persuna li hija cemplet wara li kien telghalha n-numru ta' dan il-

persuna, minhabba li l-*mobile* in kwistjoni kellu *mobile tracker*, qalilha li jismu Ryan Camenzuli.

- PS 285 Jeffrey Cutajar (*a fol.* 26 *et seq.*) spjega li x'hin huwa baghat ghall-imputat, l-imputat mar l-Ghassa, f'liema hin il-*mobile* ma kienx fuqu pero wara mar igibu u hadulhom.

- Meta xehdet Marisa Gauci (rapprezentanta tal-*Vodafone* – *a fol.* 52 *et seq.*) qalet li m'ghandhiex informazzjoni dwar min kien qed juza l-*mobile* bin-numru 99604794 f'Jannar 2012 u fi Frar 2012 peress li jzommu biss informazzjoni sa sena biss u b'hekk ir-ricerka ghamlitha minn Mejju 2012.

- L-imputat (*a fol.* 59 *et seq.*) ighid li kienet il-gurnata tat-Tlieta meta jarma l-monti l-Birgu u li gie avvicinat minn persuna li staqsieh jekk il-*mobile* li kellu kienx jghodd ghalih. Il-verzjoni li ta l-imputat ta' kif gie ghandu l-*mobile* in kwistjoni hija wahda kredibbli. Dan jinghad, aktar u aktar, tenut kont tal-fatt li jirrizulta mill-fedina penali (Dok. "JV 2" – *a fol.* 7 *et seq.*) tal-imputat li huwa gie li kiser dufrejgh mal-ligi u meta mistoqsi jghid jekk rahiex normali li l-persuna li bieghlu l-*mobile* l-ewwel qallu €45.00 u wara qallu €40.00, wiegeb: *"Ifhem ghidt forsi, imbaghad taf x'ghidt jien, ghidt forsi tieghu stess personali xi junkie jrid ibieghu. Ghax dan jien meta kont niehu gieli ghamiltha jien stess ikolli oggetti nbieghhom bi prezz tajjeb"* (*a fol.* 62). Fl-istqarrija (Dok. "JV 4" – *a fol.* 10 *et seq.*)) rilaxxata mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur, fejn l-imputat kien konsistenti f'dak li xehed quddiem il-Qorti meta ha l-pedana tax-xhieda, l-imputat lill-iSpettur qallu: *"Ifhem ma ghaddiliex minn mohhi hafna li kien misruq. Jien edt forsi xi junkie u ried ibieghu ghal ismack"* (*a fol.* 10 *tergo*).

- Ma rrizultax min kien il-persuna li biegh il-*mobile* lill-imputat.

Illi, tenut kont tal-elementi li jikkostitwixxu r-reat ta' ricettazzjoni, kif elenkati aktar il-fuq, u tenut kont tal-provi prodotti u mismugha, il-Qorti ma jirrizultalhiex li l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata. Ma jirrizultax, fost l-ohrajn, li l-imputat kien konxju li l-*mobile* li huwa xtara minn ghand persuna mhux maghrufa kien effettivament misruq. Dan qieghed jinghad minkejja li l-*mobile* li l-

imputat xtara ma kienx fil-kaxxa u anqas kellu *charger* u minkejja li meta l-imputat xeghel il-*mobile* sab xi ismijiet fil-*contacts*. Kif diga nghad hawn fuq, l-imputat ta spjegazzjoni li tista' tigi kkunsidrata bhala valida wara li wiehed jikkunsidra tali raguni u l-fatt li l-imputat gie li kiser dufrejgh mal-ligi. Ghalkemm il-Qorti tista' tispekula dwar dak li setgha gara, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti. Ghal dawn il-motivi, l-imputat ser jigi liberat mill-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 287 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi sabiex l-imputat ikun jista' jinstab hati ta' din l-imputazzjoni, irid jigi ppruvat li l-imputat diga gie kkundannat ghal serq jew ghal ricettazzjoni u li ma jkunx ta kont sodisfacenti ta' kif ikunu gew legittimament ghandu l-oggetti in kwistjoni. Din l-imputazzjoni ma tirrizultax peress li ma giet ezebita l-ebda sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat li turi li l-imputat diga gie kkundannat ghal serq jew ghal ricetazzjoni u li minhabba l-fatt li l-Qorti jirrizultalha li l-imputat ta kont sodisfacenti ta' kif gie ghandu l-*mobile* in kwistjoni. Ghaldaqstant, m'hemmx dubju li l-imputat ser jigi liberat ukoll mit-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi, apparti l-fatt li ma giet ezebita l-ebda sentenza fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, tenut kont tal-fatt li l-imputat ser jigi liberat mill-ewwel (1) u mit-tieni (2) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, isegwi li l-imputat ghandu jigi liberat ukoll mit-tielet (3) imputazzjoni.
**<u>Ir-Raba' (4) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi *stante* illi l-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat ma gewx pruvati, isegwi li l-imputat ghandu jigi liberat ukoll mir-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Ryan Camenzuli hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------